57

K

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/186/13/S

Emanuel Debrincat
Vs
Micro Media Limited

Illum 20 ta'Marzu,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Emanuel Debrincatipprezentata fl-1 t'Awwissu,2013 u r-risposta tas-socjeta intimata Micro Media Limited ipprezentata fit-12 t'Awwissu,2013;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom maghmula fis-seduta tat-13 ta'Frar,2014;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda xiri ta' kompjuter u oggetti ohra wara reklam fuq it-televizjoni u l-ilmenti dwaru li r-rikorrent beda' jilmenta hekk kif dawn inxtraw;

Illi r-rikorrent mal-ewwel beda' jilmenta fuq l-oggetti mixtrija fosthom li ma kinux tal-ispecifikazzjonijiet maqbula u reklamati;

Illi jidher mill-atti li r-rikorrent ma inghatax is-servizz li wiehed jistenna minn kummercjant wara li dan tal-ahhar thallas il-prezz miftiehem;

Illi bizzejjed wiehed isemmi li skont ir-rikorrent, gieli ghaddew xhur biex stenna risposta li ma gietx u kien ikollu jivvjaggja minn Ghawdex ghal Malta biex imur il-hanut tas-socjeta intimata;

Illi t-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjoni tas-Sur Silvio Gruppetta f'isem is-socjeta intimata li permezz taghha gedded il-garanzija fuq il-'monitor' u fuq il-'printer' ghal sentejn mit-13 ta'Frar,2014 filwaqt li gedded il-garanzija fuq it-'tower' ghal 3 snin ohra mill-istess data gja msemmija;

Illi wara tali dikjarazzjoni u obbligazzjoni daparti tas-socjeta intimata, baqa' biss it-talba ghal kumpens x'tigi deciza;

Illi skont is-socjeta intimata, il-problemi kollha li kellu r-rikorrent, kienu kawza tal-umdita li ghandu d-dar;

Illi l-problemi fil-kompjuter ma kinux ta' darba ghalkemm is-socjeta intimata tikkontendi li ghandha hadem;

Illi r-rikorrent baqa' kwazi sena u nofs wara f'kuntatt mas-socjeta intimata biex isolvi l-problemi li kellu minn meta xtara l-kompjuter u oggetti ohra;

Illi konsumatur m'ghandux jahli daqshekk hin gej u sejjer biex isolvi problema li suppost mhemmx u li, fi kwalunkwe kaz, kellha tissolva kemm jista' jkun malajr mill-kummercjant;

Illi mill-provi mressqa, it-talba ghal kumpens daparti tar-rikorrent hija gustifikata minhabba l-inkonvenjenza sofferta mir-rikorrent u kif ampjament spjegata fix-xhieda tieghu;

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Emanuel Debrincat limitatament fir-rigward tal-kumpens mitlub u Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta Micro Media Limited f'dan ir-rigward, filwaqt li Jordna lis-socjeta Micro Media Limited thallas lil Emanuel Debrincat is-somma ta' €200 stabbilita *ex aequo et bono*, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mis-socjeta Micro Media Limited.

Richard Sladden Av.
Arbitru